MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**YANA MICALLEF STAFRACE**

Seduta tat-23 ta' Ottubru, 2012

Talba Numru. 1711/2010

**Citadel Insurance plc C 21550 kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Darren Cassar (ID 363978 M) u l-istess Darren Cassar**

**vs**

1. **Melchior Grech**
2. **David Grech**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-10 ta' Dicembru 2010, fejn intalab li l-konvenuti jew min minnhom jigu kkundannati jhallsu lis-socjeta' attrici is-somma ta' seba mija u tlett Ewro u erbatax-il centezmi (€703.14c) ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-ispejjez kollha u bl-imghaxijiet.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex l-konvenuti jew min minnhom iwiegbu ghalihom bil-

gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Kodici tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikati regolarment, l-konvenuti naqsu u ma deherux la fis-seduta tal-20 ta' April 2012, meta gew pprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha ttiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u tikkundanna lill-konvenuti in solidum ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' seba mija u tlett Ewro u erbatax-il centezmi (€703.14c), bl-imghaxijiet kif mitluba fl-Avviz u bl-ispejjez kollha li ghandhom jigu sopportati interament in solidum mill-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------